MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 42**

**Il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2022**

Saret il-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2022, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:**
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**42.1 Talba**

42.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**42.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

42.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**42.3 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali u Finanzjarju**

42.3.1 Ġie approvat ir-rapport Annwali u Finanzjarju għas-sena 2021.

S. Borg


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Faži taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

### 42.4 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

42.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 33/2022 għall-perijodu bejn is-17 ta' Mejju 2022 u t-2 ta' Lulju 2022 li tammonta għal €109,045.52 ġiet approvata u ffirmata.

### 42.5 Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv

42.5.1 Ġie unanimament maqbul li Heidi Grech li ġiet ingaġġata bħala s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tibda taħdem fl-uffiċċju tal-Kunsill minn nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022. Dan wara li ġiet approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

42.5.2 Sadanittant, is-Sindku Saviour Borg irringrazzja lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tas-servizz li offriet tul dawn l-aħħar ħdax-il xahar. Is-Sindku ppreżenta kopja tal-ktieb Il-Fontana u Ġrajjietha lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv bħala turija ta' apprezzament.

### 42.6 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.6.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-18:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

42.6.2 Dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Miriam Attard u ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech.

Konfermati, illum it-Tnejn 29 ta' Awwissu, 2022.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA